# UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI

**Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**

Tel: 25906203/21241281 Fax: 21242971 Email: info@maltadiocese.org

*7 ta' Ottubru, 2009*

104/2009

## L-ASSEMBLEA DJOĊESANA TILTAQA' FI TMIEM DIN IL-ĠIMGĦA

Il-media huma mistiedna li jattendu:

Data: Il-Ġimgħa, 9 ta' Ottubru

Post: Ċentru Parrokkjali ta' Ħ'Attard

Ħin: 6.00p.m.

L-Assemblea Djoċesana tal-Knisja f'Malta se tiltaqa' nhar il-Ġimgħa 9 ta' Ottubru u s-Sibt 10 ta' Ottubru ġewwa ċ-Ċentru Parrokkjali Ġwanni Pawlu II, Ħ'Attard.

L-Assemblea Djoċesana hi l-ġrajja ta' darba fis-sena li tlaqqa' flimkien, taħt il-presidenza tal-Arċisqof Pawlu Cremona OP, lill-mexxejja u rappreżentanti oħra tal-oqsma kollha tal-Knisja f'Malta. Fost dawn insibu l-membri tal-kunsill presbiterali u tal-kunsill pastorali djoċesan, il-provinċjali tal-kongregazzjonijiet reliġjużi, id-delegati fis-segretarjati u l-kummissjonijiet djoċesani, il-kappillani, il-mexxejja tal-għaqdiet u l-movimenti tal-Knisja, il-kapijiet tal-iskejjel tal-Knisja u l-membri tal-kummissjonijiet għall-implimentazzjoni tas-Sinodu, u diversi persuni oħra minn oqsma differenti tal-ħajja.

L-Arċisqof, fi stedina personali lill-membri tal-Assemblea Djoċesana, sejjaħ lill-Assemblea avveniment 'importanti ħafna fil-ħajja tal-Arċidjoċesi'. Hu tenna x-xewqa li l-Assemblea tkun 'esperjenza ekkleżjali sabiħa fejn nagħrfu li hu l-Mulej li jrid imexxina u minna jitlob li nifttħu qalbna għalih u nħejjulu t-triq.'

Din hi s-sitt Assemblea Djoċesana minn meta ntemm is-Sinodu Djoċesan fl-2003. Fi tmiem is-Sinodu, kien ġie deċiż li l-Assemblea titlaqqa' kull sena biex tkompli tmexxi 'l quddiem l-ispirtu tas-Sinodu u l-implimentazzjoni tiegħu, u tkompli tkun okkażjoni ta' diskussjoni libera u kostruttiva fi ħdan il-Knisja f'Malta.

Fil-fatt, mal-istedina lil dawk li se jieħdu sehem fl-Assemblea, intbagħat Rapport għall-ewwel sena tat-Twettiq tal-Pjan Pastorali 2009-2011. Dan ir-rapport jieħu biċċa biċċa l-Pjan Pastorali għal dawn it-tliet snin, li kien imniedi fil-bidu ta' din is-sena, u jara dak li twettaq s'issa mill-proġetti msemmija, dak li qed isir, u dak li għad irid isir. Dan ir-rapport għandu jservi bħala bażi għall-evalwazzjoni li ssir kemm waqt l-Assemblea kif ukoll aktar tard fis-sena.

Dan l-eżerċizzju issa ilu jsir b'mod regolari mis-Sinodu Djoċesan 'l hawn, u r-rapporti li ġew ippubblikati kull sena juru kemm saret ħidma sfiqa f'diversi oqsma li d-dokumenti tas-Sinodu kienu indikaw bħala importanti għall-Knisja u l-kontribut tagħha fis-soċjeta' Maltija. Eżempju wieħed hu l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali, wieħed mill-proġetti ewlenin tas-Sinodu Djoċesan, li twaqqaf frott tas-Sinodu u li llum qed joffri korsijiet ta' formazzjoni f'diversi oqsma, flimkien ma' entijiet oħra fil-Knisja. Il-*prospectus* għas-sena akkademika l-ġdida, li l-Istitut għadu kif ippubblika, hu xhieda ta' dan.

Fir-raport, hemm ukoll spjegat dak li sar s'issa tul il-Viżta Pastorali li l-Arċisqof qed jagħmel fil-parroċċi f'Malta, u li bdiet f'Jannar ta' din is-sena. Il-Viżta Pastorali hi l-proġett prinċipali tal-Pjan Pastorali 2009-2011, u l-mira hi li sa tmiem il-Pjan l-Arċisqof ikun żar il-parti l-kbira tal-parroċċi. Minn Jannar sa issa, l-Arċisqof żar ħmistax-il parroċċa, u hu ppjanat li sa tmiem is-sena jżur sitta oħra.

Minbarra l-evalwazzjoni tar-rapport tat-twettiq tal-Pjan Pastorali 2009-2011, l-Assemblea Djoċesana ta' din is-sena se tiffoka fuq żewġ temi relatati. Nhar il-Ġimgħa, is-Segretarjat għall-Katekeżi se jippreżenta l-Viżjoni għall-Katekeżi fil-Knisja f'Malta u nhar is-Sibt id-dokument fuq l-edukazzjoni reliġjuża. Dan id-dokument, bit-titlu '*Religious Education. The Way Forward'*, li ġa ntbagħat lil dawk li se jieħdu fl-Assemblea, hu dokument ta' *policy* imħejji mis-Segretarjat għall-Katekeżi wara proċess ta' konsultazzjoni li nbeda b'mod pubbliku fil-Konferenza li saret fit-12 ta' Ġunju 2008. Intgħażlu dawn iż-żewġ temi għax imissu oqsma kruċjali għall-ħajja tal-Knisja f'Malta bħalissa u fis-snin li ġejjin.

Se jkun hemm l-opportunita' għal diskussjoni minn dawk preżenti waqt l-Assemblea Djoċesana. Il-ħsieb hu li l-Assemblea tkun okkażjoni ta' informazzjoni, parteċipazzjoni mifruxa, *accountability* u valutazzjoni, u li din l-esperjenza tkompli tiċċara d-direzzjoni pastorali tal-Knisja f'Malta.

Matul l-Assemblea Djoċesana, l-Arċisqof se jinawgura l-*website* l-ġdida tal-Arċidjoċesi u l-verżjoni *online* tal-gazzetta l-Ġensillum.

Wara li tintemm l-Assemblea Djoċesana, jibdew jiġu organizzati l-Assemblej parrokkjali fil-parroċċi kollha ta' Malta. L-iskop hu li dak li kull parroċċa tagħmel dak li l-Knisja f'Malta qed tagħmel fuq bażi ta' djoċesi – evalwazzjoni tal-ewwel sena tal-Pjan parrokkjali 2009-2011, u ħarsa 'l quddiem għas-sena d-dieħla. Dawk il-parroċċi li ġa kellhom il-Viżta Pastorali mill-Arċisqof se jkunu qed jaħdmu b'mod speċjali fuq l-indikazzjonijiet pastorali li ħarġu mill-Viżta Pastorali.